MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2012

Numru. 598/2012

Il-Pulizija
(Sp Josric Mifsud)
vs
Edmond Malu Malu Monika Ngala, iben Ambroise, imwieled Kinshasa, fir-Republika Demokratika tal-Kongo fit-22 ta’ Ġunju, 1973, karta ta’ l-identita numru 26536(A)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f’dawn il-Gżejjer fil-lejl ta’ bejn is-7 u it-8 ta’ Ġunju, 2012 ġewwa Triq it-Tabib J Zammit, Birkirkara:
a. bil-ħsieb li jikkaġuna ferita ta’ natura gravi lil Rita Odaro jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f’perikolu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta’ Rita Odaro jew iġibilha disordni f’moħħa, wera dan il-ħsieb b’atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, billi xejjer daqqiet

b’sikkina, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ tiegħu;
b. fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanzi kkometta offiżi ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ l-imsemmija Rita Odaro;
c. fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanzi zamm u ġarr strument li jaqta u bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
d. volontarjament għamel ħsara li tammonta għal aktar minn €116.47 għad-dannu ta’ Rita Odaro;
e. fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanzi fil-ħin li kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna ta’ Rita Odaro kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;
f. ġab ruħu b’tali mod li kien jaf jew li missu kien jaf li kien ta’ fastidju lil Rita Odaro;
g. fl-istess data, ħin u ċirkostanzi bl-imġieba tiegħu kkaġuna lill-partner tiegħu Rita Odaro biża li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta’ tagħha jew kontra l-persuna meta kien jaf jew missu kien jaf li bl-imġieba tiegħu ser jikkaġuna dan f’Rita Odaro;
h. fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament bil-lejl, kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat, jew b’mod ieħor;

talli fis-7 ta’ Ġunju, 2012 għal ħabta tal-10.10 p.m. ġewwa Triq Amery, Sliema:
i. bla ordni skont il-liġi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-każjijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta zamm jew issekwestra lil xi persuna, u cioe’ lil Rita Odaro kontra l-volonta’ tagħha, mizmuma jew issekwestraha, tħallas dejn jew tesegwi xi obbligazzjoni, hedded bil-mewt, tkun li tkun, jew b’xi mod ieħor, kkontra l-liġi, indaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor;
j. għad illi kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxen jew indeċenti, jew għamel atti jew ġesti oxxeni, jew b’xi mod ieħor li mhux provdut fil-Kodiċi Kriminali, offenda l-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika;
k. f’lok pubbliku jew f’post miftuħ għal pubbliku, kien fis-sakra f’mod li ma kienx jista’ jieħu ħsieb tiegħu nnifsu.
Il-Qorti ġiet mitluba li toħroġ Ordni ta’ Protezzjoni, inklusa fil-mori tal-kawża kontra l-imputat a benefiċċju ta’ Rita Odaro skont l-artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Ottubru, 2012 fejn Rita Odaro infurmat il-Qorti li hi marret għand il-pulizija biex jikkalmaw il-partner tagħha, l-imputat. Hi ħafret lill-imputat u iddikjarat li wara t-tmien ta' din il-kawża huma ser jibgħu jgħixu flimkien.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Ottubru, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat bil-ġurament.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 41, 214, 215, 221, 325(1)(b), 251A, 251B, 85, 86, 87(ċ) u 338(bb)(dd)(ff) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 3(a) u 51(1)(a) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundananh għal piena ta' sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------